Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

Data tal-laqgħa: 22 ta' Novembru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Andrè Grech – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

54.1.1 Il-Kunsillier Andrè Grech ma setax jattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużat.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 53. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

54.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati.

## 54.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

54.3.1 Para 53.3.8 - Ħsara fil-katusi tad-drenaġġ ta' dar fi Triq il-Kbira
Ġiet innutata r-risposta tal-avukat tal-Kunsill, fejn qed taqbel mal-Perit, li l-Kunsill mhux responsabbli għas-siġar u l-għeruq. Is-sid ser jiġi infurmat b'dan.

54.3.2 Para 53.5.2 – GoTo *reserved parking bays*
Is-SE infurmat li qed nistennew direzzjoni minn TM dwar it-tneħħija ta' dawn ir-*reserved parking bays.* Is-Sindku semma liċ-*charging pillar* li kien hemm fil-pjazza tneħħiet. Se niċċekkjaw dwar ir-raġuni għalfejn tneħħiet.

54.3.3 Para 53.15.1 – Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *power wash*
Is-SE infurmat li l-*power wash* ma ġietx ordnata għax biex taħdem l-ilma jrid ikun bil-pressa jew tkun imqabbda ma' bowser. Is-Sindku talab li niċċekkjaw jekk teżistix xi tip ta' *power wash* li tista' titħaddem fit-triq fl-assenza ta' pressa tal-ilma.

54.3.4 Para 53.15.4 – *Parking bay* fi Buontempo Estates
Ġiet innutata r-risposta ta' TM dwar l-ilment fuq il-*parking bay* li ġiet imċekkna. Ir-resident se jiġi nfurmat f'din ir-risposta.

54.3.5 Para 53.3.3 - Taxi stand quddiem il-Corinthia
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi *update*. Is-SE infurmat li dalgħodu bagħtet *reminder* lill-TM u qed tistenna risposta.

54.3.6 Para 53.3.4 - Ismijiet ta' toroq
Is-Sindku infurma li l-ittri lir-residenti tat-toroq ikkonċernati għad iridu jintbagħatu. Is-Sindku talab apoloġija lill-Kunsill minħabba d-dewmien peress li kien impenjat fuq affarijiet oħra.

54.3.7 Para 53.3.7 - Trinka fi Vjal De Paule
Is-Sindku talab lis-SE biex tibgħat *reminder* lis-Sur Ivan Falzon (IM) peress li baqgħet pendenti.

54.3.8 Para 53.4.2 - Kiri ta' vettura biex tintuża mill-*Community Police*
Is-Sindku infurma li għadna ma smajna xejn dwar dan.

54.3.9 Para 53.4.5 - Wirja fuq l-istorja navali – Ambaxxata Spanjola u Para 53.4.6 - *Town Twinning* – Ambaxxata Spanjola
Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa jekk hemmx xi *update*. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u ser ikun qed jibgħat *reminder.*

## 54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.4.1 Dawl fi Triq B. Bontadini

Is-Sindku infurma li residenti qed jilmentaw minħabba nuqqas ta' dawl fit-triq. Il-Kunsill qabel li ssir bozza ġdida ma' arblu eżistenti.

54.4.2 Terminazzjoni ta' Servizzi – GreenPak

Ġiet innutata ittra mibgħuta mill-GreenPak fejn qed niġu notifikati li se jkunu qed jitterminaw il-kuntratt fl-aħħar tas-sena, minħabba l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida li l-iskart se jibda jinġabar mir-Reġjuni. Qed nistennew *update* dwar dan mingħand ir-Reġjun Tramuntana.

54.4.3.1 *Reverse Vending Machines*

Is-Sindku infurma li ktibna lill-BCRS biex ninfurmawhom li l-unika post fejn tista' tiġi din ir-*reverse vending machine* huwa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Hawn ġie rrimarkat li l-Kunsill ma jiddeċidix fejn isiru dawn il-magni. Hemm magni li qed isiru fi proprjetajiet privati bħal f'*supermarkets.*Il-magni li jsiru fil-privat ma jistgħux jitpoġġew fuq art pubblika mingħajr permess ta' *encroachment*. Is-Sindku qal li, għall-kuntrarju għal dak li qed jintqal minn individwu partikolari, bħala Kunsill qatt ma rċivejna talbiet ħlief mingħand il-BCRS.

54.4.3.2 Il-Kunsill qabel, li jekk dan l-individwu ser ikompli jiġbed fil-konfront tal-Kunsill, se niktbulu bl-avukat.

54.4.4 *Fun Run* tal-President

Is-Sindku infurma li l-*Fun Run* ġiet posposta għall-11 ta' Diċembru u l-AKL qed iħeġġu biex il-Kunsilli jkomplu jirreklamaw din l-attività.

54.4.5 Attività tal-Milied fil-11 ta' Diċembru 2022

Is-Sindku infurma li stieden liż-żewġ Każini tal-Banda biex jekk iridu jarmaw *stand* waqt l-attività. Kien hemm qbil li nistiednu wkoll lill-Każini tal-PL, PN u tal-Futbol.

54.4.6.1 Banda għal żmien il-Milied

Is-Sindku infurma li avviċinatu persuna f'isem grupp ta' bandisti minn Ħal Balzan biex għall-prezz ta' €300, idoqqu diski tal-Milied f'attività oħra.

54.4.6.2 Ġie maqbul illi tiġi esplorati l-possibbiltà li ssir din l-attività, madankollu numru ta' dettalji jridu jiġu ċċarati. Aktar diskussjoni se ssir permezz ta' *emails* bejn il-Kunsilliera minħabba kwistjoni ta' żmien u anke peress li l-Kunsill diġà għandu attività skedata għal żmien il-Milied.

## 54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

54.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 54.6 Rapporti

54.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 54.7 Skemi Finanzjarji

54.7.1.1 Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji

Is-SE infurmat li proposti għal din l-iskema jridu jintbagħtu lir-Reġjun sal-aħħar tas-sena. Il-Kunsill approva li jinxtraw *e-readers* u *e-books* bl-ammont indikat. Dawn ikunu jistgħu jiġu mislufa lir-residenti li jkunu reġistrati mall-Kunsill. Is-SE se ġġib xi kwotazzjonijiet.

54.7.1.2 Is-SE issuġġeriet li bl-istess mod, il-Kunsill jista' jsellef il-kotba li kienu nxtraw għal-librerija. Il-Kunsill approva u aktar il'quddiem ser titħejja lista tal-kotba li għadna disponibbli u jiġu ppreparati numru ta' kundizzjonijiet li se jkunu marbuta mas-self tal-kotba u tal-*e-readers*.

54.7.2 Skema maħruġa mill-MTA – Tiżjin tal-Milied

Is-SE infurmat li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifika mis-somma ta' €3,000 biex jintużaw għat-tiżjin ta' toroq għal żmien il-Milied.

54.7.3.1 Skema Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Milied 2022

Ġiet innutata Skema Finanzjarja fejn ir-Reġjun qed jalloka l-ammont ta' €4,000 biex jintużaw għal attivitajiet u tiżjin għal żmien il-Milied.

54.7.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li japplika għal:

1. Attività tal-11 ta' Diċembru 2022 - €1,121
2. Kumplament tal-ispiża għat-tiżjin ta' toroq għal żmien il-Milied - €2,040
3. Attività – Banda fi Triq il-Ferrovija l-Qadima - €300
4. Poinsiettas għar-residenti - €500

## 54.8 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15)

54.8.1 Is-SE infurmat li l-intervisti għaż-żewġ vakanzi ma sarux peress li żewġ applikanti biss ikkonfermaw li se jattendu u għalhekk inħareġ permess minn Jobsplus biex tinħareġ sejħa pubblika, u jsiru l-intervisti kollha f'darba. Is-SE infurmat li s-sejħa ser tagħlaq fl-24 ta' Novembru 2022.

54.8.2 L-intervisti ser isiru nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022 mit-3.15pm 'l quddiem. Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano ma jistax ikun preżenti għall-intervisti. Dr De Gaetano qal li hu jafda fil-ġudizzju tal-membri l-oħra u għalhekk ippropona li jsiru xorta minħabba l-urġenza. Se jiġi ċċekkjat jekk il-Kunsillier Andrè Grech jistax jissostitwixxi lill-Dr De Gaetano.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-*Agenda* u jiġi diskuss *item* 54.13. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 54.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

54.13.1 <u>Laqgħa tal-Lokalità</u>
Is-Sindku infurma li, sal-15 ta' Diċembru, il-Kunsill irid issejjaħ laqgħa pubblika. Il-Kunsill unanimament approva li l-laqgħa pubblika ssir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022 fls-5.30pm.

54.13.2 <u>*Convenant of Mayors*</u>
Ġew innutati dokumenti mibgħuta mill-AKL dwar il-*Convenant of Mayors*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiffurmaw parti. Ġie rrimarkat li fil-passat il-Kunsill kien diġà membru, però kien irtira ma laħħaqx mal-miri identifikati u għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsil ma jerġax jissieħeb.

54.13.3 <u>*Poinsettias Campaign* 2022</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-President dwar *Poinsettias Campaign* b'risq il-MCCF. Il-Kunsill unanimament approva li jalloka €500 biex jinxtraw poinsettias. Residenti ser jkunu jistgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn ser ikunu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served.*

54.13.4 <u>Talba għal R*esidents' Parking Permit*</u>
Resident qed jitlob li jinħareġ permess għall-*partner* tiegħu li tgħix miegħu f'Ħal Balzan. Meta ġie mitlub xi tip ta' evidenza li l-*partner* tgħix fil-lokalità, qalilna li m'għandux u infurmana li l-karozza jużaha hu ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li m'għandux jinħareġ permess mingħajr l-ebda tip ta' evidenza. Biex jinħareġ il-permess, ir-resident qed jintalab biex jippreżenta affidavit li jindika li l-karozza jsuqha hu wkoll.

54.13.5 <u>Ċirkulari AKL 2022/110 – Trasport għall-pazjenti tal-Hospice</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2022/110 mibgħuta mill-AKL. Il-Kunsill irrimarka li, filwaqt li jixtieq jgħin f'din l-inizjattiva, sfortunatament m'għandux vettura biex jittrasporta l-pazjenti.

54.13.6 <u>Ċint tal-*playing field*</u>
Resident qed jitlob li jogħla ċ-ċint tan-naħa ta' Triq Dun Spir Sammut għax baxx u jistgħu jitilgħu it-tfal u jaqbżu minn fuqu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw jekk nistgħux inpoġġu xi tip ta' *planters* li jservu bħala *barrier.*

54.13.7 <u>Tneħħija ta' Ġebla antika fi Triq Il-Kbira k/m Triq Santa Marija</u>
Is-SE infurmat li kemm il-Perit, kif ukoll l-avukat tal-Kunsill qed jaqblu li pilastru tal-ħadid mhux ser isolvi l-problema ta' ostaklu. U għalhekk, sfortunatament ma jista' jsir xejn u jibqa' kollox kif inhu.

54.14.8 <u>Permessi – Għeluq ta' toroq</u>

Il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni tal-permessi li jirrikjedu għeluq ta' toroq, fejn kien hemm qbil li tinħoloq gwida għall-impjegati.

54.14.9 <u>Bankina – Triq San Franġisk</u>
Is-SE infurmat li TM qed jaqblu li hemm periklu u qed jissuġġerixxu li ssir bankina. Peress lit-triq dejqa, jekk issir bankina, jridu jitneħħew 6 *parking bays* minn faċċata. Din il-kwistjoni ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss fil-preżenza tal-Kunsilliera kollha.

54.14.10.1 <u>*Parking* fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet</u>
Residenta kienet talbet li jitkomplew ir-*road markings* tat-triq peress li ma kienux saru meta saret Triq l-Għerusija, għax qed jostakolawlha l-garaxx. Il-ħaddiema kienu marru u għamlu 1m u MC Bay għax ma kienx hemm spazju għal karozza. Residenta oħra qed tilmenta għax skond hi tneħħa *parking*. Ġie rrimarkat li fil-post imsemmi qatt ma seta' jkun *parking* għax m'hemmx spazju biżżejjed bejn żewġ garaxxijiet.

54.14.10.2 Il-Kunsill jifhem li f'dik iż-żona hemm problema kbira ta' *parking* u għalhekk ikun f'pożizzjoni li jagħmel il-*parking bay,* jekk din ir-residenta iġġib kunsens bil-miktub mingħand is-sidien tal-garaxxijiet, fejn jinfurmawna li m'għandhomx bżonn il-1m dyl.

54.14.10.3 Il-Kunsill qabel ukoll li jiċċekkja jekk hux possibbli li nżidu *parking bays* mar-*roundabout.*

## 54.9 Jum Ħal Balzan 2022 – Post-mortem tal-attività

54.9.1 Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi Sindku talli ħadet ħsieb l-organizzazzjoni tal-attività, fejn qal li kellu *feedback* pożittiv mingħand ir-residenti.

54.9.2 Kien hemm xi diffikultajiet żgħar, peress li ħadu sehem aktar minn għaqda waħda, li ħolqu ideat konfliġġenti.

54.9.3 Kien hemm qbil li Jum Ħal Balzan jibqa' jiġi ċċelebrat f'Ottubru, b'attività simili, dejjem jekk jibqa' jalloka l-fondi r-Reġjun.

## 54.10 Proġett ta' e*mbellishment* fi Triq il-Qarċilla - Aġġornament

54.10.1 Is-SE infurmat li li l-Perit bagħat l-i*specifications* u l-BOQ għat-tender. Is-SE infurmat li hemm bżonn li dan it-tender, kif ukoll it-tender tal-bankina ta' Triq iz-Zekkuk jiġi ppreparat u maħruġ minn xi ħadd tekniku sabiex jiġi aċċertat li jinħarġu kif suppost.

54.10.2 Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni tal-*Contracts Manager* biex jinħarġu t-*tenders*.

54.10.3 Is-SE infurmat li IM mhumiex se jkopru l-ispiża tal-aħħar saff asfalt. Dan għaliex l-aħħar saff ma kienx sar bil-kundizzjoni li l-pjazza tiġi *reinstated* kollha mill-Kunsill meta jsir il-proġett ta' *embellishment*.

## 54.11 *Embellishment* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

54.11.1 Is-SE infurmat li għadha qed tistenna risposta mill-GreenPak. Dan il-proġett se jiġi diskuss aktar 'il quddiem, meta jkollna risposta dwar x'se jiġri mill-*Bring-in-Site*.

## 54.12 *E-scooter parking*

54.12.1 Is-SE infurmat li se jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet ma' TM biex issir *reserved* for *e-scooters* minflok ir-*reserved parking* tal-Lombard u biex issir *bike rack* fi Triq Ġuże' Bonnici.

## 54.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

54.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/22, li tinkludi l-ammont ta' €134.31c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2022.

54.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

54.14.3 Minħabba kunflitt ta' interess, il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament nru. 72 (ċekk nru. 46) peress lit-tifel tagħha huwa membru fit-Tikka Banda.

## 54.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

54.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.55pm.

54.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |